DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................. POST: ................................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ......................................     DATA/DATI .........................................

DIRETTUR/REĠISTA: ..................................

*Notamenti*

**ADDIJO ĊESRI**

*Xena 15, p.71 (M)*

## BORG

**QED TIFHEM ISSA, HUX?**

— Le, missni tajt kasek jien. Missni iva. Għalfejn kieku bgħattuni hawn lili, jekk ma kellkom xejn kontrija? Għadni sal-lum ma sirtx naf għalfejn. Għidli int, issa għalfejn. Jekk mhux għax...

— Le, int ma se tammetti qatt. Imma tifhem hux għala ma stajtx nidra ngħix hawnhekk – hawn taħt dik it-tieqa. Kien ikun l-istess bħal meta kont Malta. Forsi stajt inkun hieni hawnhekk ukoll kieku rrassenjajt ruħi; kieku ppruvajt ninsa...

Imma ma stajtx! Ma stajtx u ma ridtx! Hawn ma kienx posti. Jien qgħadt fuq kliemkom. Kellkom issejħuli lura fi żmien qsir. Tawni kelmthom - u jien qgħadt fuq kelmthom. Kif ridtni ma noqgħodx fuq kelmthom - ridtuni li naħseb li kienet qed issir inġustizzja inkella?

Le, jien qgħadt fuq kliemkom. Intom kellkom tibagħatu għalija fi żmien qasir. X'kien hemm għalfejn niktibilhom biex isejħuli lura, jekk huma wegħduni li jsejħuli lura?... Kelli bilfors noqgħod fuq kelmtkom. Inkella...

/ Għidli, għaliex bagħtuni hawn lili? – M'hemmx tweġiba, hux hekk? Tajjeb. Mela jien, kif tara, bqajt fuq kliemkom. Għalhekk bqajt nistenna. U ħlift li ma nidħolx f'dil-kamra kemm indum hawn – u li ma niftaħx dawk il-valiġġi. Hekk jew hekk, provediment temporanju kellu jkun, le?

Kelli nrażżan it-thewdin ta' moħħi – l-alternattiva kienet iebsa wisq. Allura għażilt li nimxi fuq kliemkom. Għax jew nimxi fuq il-loġika ta' kliemkom – jew naċċetta inġustizzja.*(<213)*

PDF p.71

**ĦIN** MASSIMU ............ MINIMU .............

**PROPS** ..............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.